**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Dorianne Tabone)**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 668/22**

**Illum, it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis-

1. Akkuzat talli fl-14 ta' Novembru 2022 u fil gimghat, xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih

innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-età.
Art 208A ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi gewwa dawn il-Gzejjer akkwista, xjentement akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-età.
Art 208A(1B) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli indikati u cioè l-Artikolu 37(2), 208A u 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat;

Stante ammissjoni bikrija u stante li fid-data tar-reat l-imputat kien ghadu taht l-età u stante li t-tieni (2) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza, il-Qorti qed issib lill-imputat -Omissis- hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn (2) mil-lum u kif ukoll liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**